**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 285 tas-7 ta' Lulju 2015**

Is-Sedja semgħet ir-*recording* ta' dak kollu li ntqal fis-seduta tal-lejla ftit ħin qabel saru d-9.00pm, u ċjoè wara li s-Sedja tat *ruling* mitlub mill-Oppożizzjoni.

Fuq diversi domandi li s-Sedja għamlet lis-Segretarju Parlamentari Michael Falzon jekk hux se jibqa' *in possession* jew jekk għalaqx id-diskors, is-Segretarju Parlamentari nstema' jgħid "Jien għalaqt".

Minħabba konfużjoni li dak il-ħin inqalgħet fil-Kamra, minflok ma s-Sedja dak il-ħin għaddiet biex tqiegħed il-mistoqsija fuq l-ewwel emenda kif imressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni, il-Ministru Mizzi beda jaqra l-aġġornament.

Is-Sedja għaldaqstant qiegħda tiddeċiedi li ladarba s-Segretarju Parlamentari ddikjara li l-*winding up* kien konkluż, is-Sedja kellha tgħaddi biex tqiegħed il-mistoqsija u dan għaliex hija marbuta li tagħmel dan bl-Ordni Permanenti 21 li jgħid:

> "Ħlief kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, il-kwestjonijiet kollha mressqa għal deċiżjoni fil-Kamra għandhom jiġu deċiżi b'maġġoranza tal-voti tal-Membri preżenti u li jivvutaw".

Is-Sedja tirrileva wkoll li ladarba l-aġġornament ma nqarax fl-intier tiegħu, il-Ministru Mizzi kien għadu fl-istadju li jista' jbiddel il-kontenut tal-istess aġġornament, inkluż, jekk irid, fl-intier tiegħu, u dan peress li kien għadu ma spiċċax il-qari kollu tiegħu.

Is-Sedja, kif għamlet, setgħet ukoll fuq inizjattiva tagħha twaqqaf lill-istess Ministru milli jkompli bil-mozzjoni tal-aġġornament, u dan b'mod tempestiv, sabiex tkun tista' tqiegħed il-mistoqsija, kif effettivament bdiet tipprova tagħmel qabel ma ġiet interrotta biex jingħata dan ir-*ruling*.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li tqiegħed issa l-mistoqsija fuq l-ewwel emenda kif imressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni u kif sekondata mill-Onor Marthese Portelli.